6 ta' Marzu, 1967

**Imħallfin**

S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President

Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A., Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President

Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.

Paul Formosa et

*versus*

Joseph Agius et

**Fidejussjoni — Garanzija — Kuntratt — Malafede — Frodi — Provi ta'**

*Il-prova tal-malafede biex tannulla kuntratt tinkombi fuq minn jallega u trid issir permezz ta provi certi u konkreti.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentat quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur wara li ppremetta li b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt tat-tnejn (2) ta' Awissu, 1959 il-konvenut Agius kien ikkonċeda lill-konvenut Busuttil in lokazzjoni l-ħanut "Agson" Parish Priest Mifsud Street, Hamrun, u ċeghlu wkoll il-merkanzija bil-prezz ta' elfejn sitt mija u tmienja u tletin lira (£2638) u bil-kondizzjonijiet l-oħra ndikati fl-att, u li fuq dak l-att hu daħal garanti solidali mal-konvenut Busuttil għall-ħlas ta' l-istess ammont, u li kif jiġi pruvat matul il-kawża dak l-ammont ta' elfejn tmien mija u tmienja u tletin lira (£2838) ġie nserit fil-kuntratt wara u mingħajr ma hu kien jaf u għalhekk daka l-att hu effett ta' frodi u ngann in kwantu jirrigwarda l-garanzija solidali tiegħu, u li, barra minn hekk, dan l-aħħar saru arranġamenti ġodda bejn iż-żewġ konvenuti relattivament għall-istess ħanut u għalhekk hu m'għandux jibqa' marbut bl-istess kuntratt, talab li —prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti xierqa — jiġi dikjarat u deċiż li l-kuntratt riferit in atti Nutar Gatt tat-tnejn (2) ta' Awissu, 1959 huwa null u bla ebda effett legali in kwantu jolqot il-garanzija tiegħu; bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-tnax (12) ta' Frar, 1961;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha wara li oppona l-inkompetenza ta' dik il-Qorti u eċċezzjoni oħra proċedurali eċċepixxa fil-meritu li d-domanda ta' l-attur hija nfondata għaliex il-fatti, li fuqhom hija bażata, huma pura invenzjoni;

Rat is-sentenza ta' dika l-Onorabbli Qorti tal-ħamsa (5) ta' Frar, 1962 li biha laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza u dik mogħtija fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu, 1962 mogħtija minn din il-Qorti li biha ġiet konfermata dik is-sentenza u ordnat li l-atti jiġu mibgħuta lil Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina.

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina tal-5 ta' Mejju, 1965 li biha fil-kontumaċja tal-konvenut Busuttil ċaħdet id-domandi attriċi bl-ispejjeż kontra l-attur, wara li kkunsidrat —

Omissis.

Rat in-nota tal-appell tal-attur u l-petizzjoni tiegħu li biha talab illi dik is-sentenza tiġi revokata u d-domanda tiegħu tiġi akkolta fis-sens illi l-garanzija tiegħu favur Agius tiġi dikjarata nulla u bla effett biss għall-eċċedenza tal-ammont indikat fil-kuntratt fuq l-ammont ta' £1560, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

Rat ir-risposta tal-kunvenut Joseph Agius li biha talab li l-imsemmija sentenza tiġi konfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

Rat ir-rikors ta' Nazzareno, Joseph u Abela aħwa Formosa li bih, stanti l-mewt tal-appellanti "pendenti lite", talbu t-trasfusjoni tal-ġudizzju fil-persuna tagħhom bħala eredi benefiċjati tal-istess appellat u d-digriet ta' din il-Qorti tal-31 ta'

Jannar, 1967 li biha laqgħet it-talba.

Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluża l-perizja kalligrafika ordnata min din il-Qorti fuq talba tal-appellanti li għalih issir riferenza aktar l-isfel, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Illi l-aggravju tal-appellanti jirriferixxi għall-ingann u frode minnu akkampati in bażi għall-allegazzjoni li l-ammont ta' £2838 li għalih ġie daħal garanti Formosa ġie inserit fil-kuntratt wara li pubblikazzjoni tiegħu u mingħajr ma hu kien jaf. L-appellant jikkumbatti qabel xejn ir-raġonament tal-ewwel Onorabbli Qorti illi kien jonqos fih kull interess li jiġi dikjarat null il-kuntratt għall-eċċedenza tas-somma ta' £2838 (murija fil-kuntratt) fuq dik ta' £1560 (il-pretiż ammont reali tal-garanzija tiegħu) u dana għaliex meta sar il-ftehim il-ġdid tal-bidu tal-1961 irriżulta mill-konteġġi effettwati li d-debitu finali tad-debitur prinċipali kien ta' £959 u għalhekk, dejjem skond l-ewwel Onorabbli Qorti, ir-responsabbilità tal-appellant għall-istess somma) hija fil-limiti li hu jaċċetta li għandha tkun valida. L-ewwel Onorabbli Qorti in sostanza qalet illi la darba £959 huma anqas min £1560 in-nullità nvokata mill-appellant ma setgħet qatt iggovah. Imma, bir-rispett dan ma jistax ikun korrett għax stabbilit kif ġie "ex admissis" stabbilit fil-ftehim il-ġdid tal-bidu tal-1961 illi l-merkanzija ritornata u l-pagamenti magħmula kienu jwasslu għall-aktar min £1560, allura jekk hu veru li l-garanzija tal-appellant kienet verament limitata għall-£1560, ir-responsabbilità tiegħu kienet itterminat. Il-kwistjoni kollha għalhekk tibqa' — u jista' jingħad li kollox jiddependi minn — jekk hux minnu li l-fidejussjoni tal-appellant kienet fil-fatt limitata għall-£1560 u l-ammont ta' £2838 ġie inserit fil-kuntratt, kif jgħid hu, bi frodi u ngann.

Illi f'dan ir-rigward l-appellant jissottometti li l-versjoni tiegħu tal-fatti hi aktar attendibbli għax korroborata mix-

xhieda tal-kuntratt u speċjalment minn dik il-parti tal-kuntratt li tistipula li l-pagament kellu jsir bir-rati ta' mhux anqas min *£10 fil-ġimgħa fi żmien ta' tliet snin.* Huwa jżid jgħid li hu kalkolu sempliċi ħafna li bih jiġi stabbilit l-ammont totali riżultanti minn dawn il-pagamenti settimanali u kieku s-somma ta' £2838 kienet inserita fil-kuntratt qabel il-pubblikazzjoni tiegħu kien naturali li kulħadd kien jaqbeż u jgħid illi b'pagamenti *ta' £10 fil-ġimgħa fi żmien* tliet snin ma kienitx tintlaħaq is-somma ta' £2838.

Illi l-appellat Agius irribatta dan billi korrettement ippreċiża li l-kuntratt verament jirriferixxi għal rati ta' "mhux anqas min għaxar liri (£10) fil-ġimgħa" u allura l-kalkolu msemmi *mill-appellant* ma jagħmilx ħlief jisvija. L-appellant da parti tiegħu irribatta illi li kieku d-debitur ħallas b'iżjed min £10 filġimgħa allura kien iħallas f'anqas minn tliet snin. Dan però hu argument fallaċi għall-finijiet li għalihom qed jiġi adoperat, għax id-debitu seta' tassew jitħallas f'anqas min tliet snin tant jekk kien *ta' £1560* (kif qed jippretendi l-appellant) kemm *jekk kien ta' £2838* (kif jindikat fil-kuntratt) skond l-ammont tar-rati settimanali. Kieku kien £1560 anzi, ma tantx kien hemm sens li jingħad li r-rati kellhom ikunu ta' mhux anqas min £10 fil-ġimgħa għax, billi £1560 hu preċiżament £10 immoltiplikati b'156 ġimgħa, jekk f'ġimgħa waħda jitħallas iżjed *min £10* u l-pagamenti kellhom isiru kull ġimgħa (kif jidher indikat mill-kliem "fil-ġimgħa") allura l-pagamenti tal-ġimgħat l-oħra jew almenu waħda jew x'uħud minnhom bilfors kienu jridu jkunu ta' anqas min £10. Bil-veru l-kliem mhux anqas min £10 fil-ġimgħa jagħmlu aktar sense f'somma li t-total tagħha jġib għall-iżjed min £10 immoltiplikati *b'156 ġimgħa.* It-total ta' *£2838* "spread over" tliet snin infatti jwassal għall-medja ta' £18 fil-ġimgħa, ammont li f'xi ġimgħa partikolari seta' jkun anqas minn daqshekk però mhux anqas minn £10.

Illi għal dak li huma l-provi testimonjali huwa fatt li b'mod iżjed jew anqas enfatiku jissorreġġu l-allegata irregolarità (li s-somma totali ma ġietx moqrija fil-pubblikazzjoni tal-kuntratt) it-testimonjanza tal-attur appellant u ta' ħuh Abel Formosa, ta' Emmanuele Busuttil li hu d-debitur prinċipali u ta' Victor Micallef u Joseph Debono li dak iż-żmien kienu għarajjes tal-ulied bniet tal-istess Busuttil. Għar-regolarità tal-proċeduri hemm ix-xhieda tan-Nutar Dottor Anthony Gatt u ta' Joseph Agius il-kreditur. Naturalment in linja ġenerali hemm ukoll illi l-buonafede hija preżunta u l-malefede għandha tiġi ppruvata minn min jallegaha.

Illi in segwitu għall-kwistjoni sollevata fit-trattazzjoni relattivament għad-differenza ta' l-inka użata min-Nutar fil-konfezjoni tal-att, il-perit kalligrafu nnominat minn din il-Qorti xehed illi l-inka fiċ-ċifri ta' £2838 fil-korp tal-kuntratt u dik tad-data u tal-postilli hi l-istess, ħaġa, li almenu sa fejn twassal, tikkorrobora dak li xehed in-Nutar illi dawn imliehom (fil-minuta preċedentement preparata) fl-istess ħin u dan immedjatament qabel il-pubblikazzjoni tal-att.

Illi dak li qed jiġi allegat mhux li paragrafi sħaħ tal-att inkitbu wara l-pubblikazzjoni imma biss iċ-ċifra globali ta' £2838 ( ara ċitazzjoni). Issa dik iċ-ċifra tirrikorri darbtejn f'żewġ paragrafi differenti u f'paragrafu preċedenti jinsab il-"break-down" ta' dik iċ-ċifra f'£200 bħala prezz taċ-ċessjoni tal-avvjament u £2638 kwantu għall-merkanzija mibjugħa. "Din iċ-ċessjoni" dan il-paragrafu jgħid, "u dan il-bejgħ qegħdin isiru bil-prezz ta' elfejn sitt mija u tminja u tletin lira (£2638) kwantu għall-merkanzija qabel imsemmija li qeda fil-ħanut u fl-istore." Biex wieħed jaċċetta li ċ-ċifra in kwistjoni ma issemmiet xejn irid wieħed jaċċetta li fil-qari tal-kuntratt kien hemm lakuni li għal semmieha attenti kien imissħom jaffettaw il-kontinwità u forsi anki s-sens ta' dak li kien qed jinqara u hu stran li bniedem bħal Abel Formosa (ħu l-attur),

li qiegħed hawn jissemma għax hu Higher Clerical Officer mal-Gvern, ma jirrilevax b'xi mod l-allegata irregolarità, li ċertament kienet tkun ta' serjetà mhux żgħira.

Illi hu anki sintomatiku li mix-xhieda kollha li issorreġġew l-irregolarità wieħed biss (Busuttil) semma l-£200 taċ-ċessjoni tal-avvjament. Kulħadd donnu ikkonċentra fuq il-kalkolu tal-pagamenti rateali relatati maż-żmien iffissat għall-pagament.

Illi barra minn dan fil-kuntratt hemm riferenza espressa għall-inventarju tal-merkanzija li kienet tinsab fil-ħanut. L-inventarju hu ċertament iffirmat mid-debitur Busuttil (li jgħaraf il-firma tiegħu), però dan Busuttil jgħid li meta iffirma ma kienx hemm it-total li jidher fuq l-aħħar paġna proprju ħdejn il-firma, ammontanti preċiżament għall-£2838. Dan hu kontradett min Agius u min-Nutar. Jibqa' l-fatt però, għal dak li jista' jiswa, illi Busuttil iffirma proprju fit-tarf 'l isfell tal-paġna b'mod li ħalla proprju biżżejjed spazju biex fil-każ li hu veru dak li qed jgħid jista' jintela t-total tal-merkanzija (£2668.14.0) u l-konteġġi finali li juru l-ewwel id-deduzzjoni ta' £30.14.0 u mbagħad l-aġġunta ta' £200 prezz taċ-ċessjoni li jagħtu t-total globali ta' £2838.

Illi wara li kkunsidrat iċ-ċirkostanzi kollha l-Qorti ma jidhrilix li jista' jingħad li l-malafede ġiet sodisfaċentement ippruvata minn min kellu skond il-liġi l-piż li jippruvaha. Fil-kompless il-Qorti hi inklinata taħseb illi x-xhieda li issorreġġew l-irregolarità setgħu ġew eċċessivament impressjonati u forsi anki svjati mill-kalkolu tal-ammont tal-pagamenti rateali fiż-żmien konvenut għall-pagament kif superjorment espost. Ċertament id-dubju għandu jmur favur il-buonafede.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u fis-sens tal-konsiderandi premessi tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.